IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2014
COM(2014) 430 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/290/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2010/290/UE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/290/KE tat-2 ta' Diċembru 2009[1], wara li saret rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, kien ġie deċiż li fis-Slovakkja kien jeżisti defiċit eċċessiv. Il-Kunsill innota li skont id-dejta nnotifikata mill-awtoritajiet tas-Slovakkja f'Ottubru 2009, kien ippjanat li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika kellu jilħaq is-6.3 % tal-PDG fl-2009, li kien ogħla mit-3% tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat, filwaqt li kien ippjanat li d-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika kellu jkun ta' madwar 36 % tal-PDG fl-2009, ferm taħt is-60 % tal-valur ta' referenza tal-PDG skont it-Trattat[2].

(2) Fit-2 ta' Diċembru 2009, skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv[3], il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, bagħat rakkomandazzjoni lis-Slovakkja bl-għan li s-sitwazzjoni tad-defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sa mhux aktar tard mill-2013. Ir-rakkomandazzjoni ġiet ippubblikata.

(3) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dejta dwar id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tagħhom kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea[4].

(4) Meta jiġi biex jikkunsidra jekk deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandhiex tiġi revokata, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni fuq il-bażi tad-dejta notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha

[1] ĠU L 125, 21.5.2010, p. 48.

[2] Id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għall-2009 laħqu t-8 % tal-PDG u 35.6 % tal-PDG rispettivament.

[3] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

[4] ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

titħassar biss jekk it-tbassir tal-Kummissjoni jindika li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PDG tul il-perjodu ta' tbassir[5].

(5) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009 wara n-notifika mis-Slovakkja qabel l-1 ta' April 2014, u abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

– Wara li laħaq l-ogħla livell tiegħu, jiġifieri l-livell ta' 8 % tal-PDG fl-2009, id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika fis-Slovakkja tnaqqas sa 2.8 % tal-PDG fl-2013, bi qbil mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009. It-tnaqqis tad-defiċit twettaq permezz ta' konsolidament fiskali kemm fuq l-introjtu u kemm fuq l-infiq, inkluż b'miżuri ta' darba.

– Il-programm ta' stabbiltà tal-2014 għandu fil-mira tiegħu id-defiċit nominali ta' 2.6 % tal-PDG fl-2014, u tnaqqis kontinwu sa 2.5 % tal-PDG fl-2015, sa 1.6 % tal-PDG fl-2016, u 0.5 % tal-PDG fl-2017. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tas-servizzi tal-Kummissjoni jbassar li d-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika se jiżdied bi ftit, sa 2.9 % tal-PDG fl-2014, u li wara dan jerġa' jinżel għal 2.8% tal-PDG fl-2015. B'hekk, id-defiċit mistenni li jibqa' taħt il-valur ta' referenza skont it-Trattat ta' 3 % tal-PDG matul il-perjodu ta' tbassir.

– Il-bilanċ strutturali, jiġifieri l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u għall-ammont nett minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji, ittejjeb b'medja ta' 1½% tal-PDG kull sena bejn l-2009 u l-2013. Filwaqt li ġie mbassar li dan il-bilanċ se jmur lura bi ftit fl-2014, fl-2015 għandu jittejjeb, abbażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla ta' politika. F'dan il-kuntest, jidher li hemm qabża emerġenti ta' 0.3 % tal-PDG meta mqabbel mal-aġġustament meħtieġ tal-bilanċ strutturali lejn l-għan fuq terminu medju fl-2014; dan jissuġġerixxi li jeħtieġ li l-miżuri baġitarji jiġu msaħħa sabiex tiġi żgurata l-konformità sħiħa mal-parti preventiva tal-patt, fid-dawl tar-riskju emerġenti ta' devjazzjoni mit-triq ta' aġġustament meħtieġ.

– Id-dejn tal-amministrazzjoni pubblika laħaq il-55.4 % tal-PDG fl-2013. It-tbassir tar-rebbiegħa tal-2014 tal-Kummissjoni jbassar li d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika se jibqa' jiżdied, sa 56.3 % tal-PDG fl-2014, u sa 57.8 % tal-PDG fl-2015.

(6) Il-Kunsill ifakkar li, mill-2014, li hija s-sena sussegwenti għas-sena tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, is-Slovakkja hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u għandha timxi lejn il-mira tagħha fuq terminu medju b'pass xieraq, filwaqt li tirrispetta l-punt ta' referenza tal-infiq.

(7) Skont l-Artikolu 126(12) tat-Trattat, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha tiġi revokata meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

(8) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fis-Slovakkja ġie kkoreġut, u għaldaqstant id-Deċiżjoni 2010/290/KE għandha tiġi revokata,

---

[5] B'konformità mal-"Ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta' Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza", tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni globali jsegwi li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fis-Slovakkja ġiet ikkorreġuta.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2010/290/UE hija b'dan revokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President